Minuti tas-26 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 24 ta' Settembru, 2014. Il-laqgha nbdiet hin 5.10pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | CarmenVella |
| Kunsillier | Shirley Anne Cecchini |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli Depasquale |

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-26 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Attivitajiet – Seher il-Punent / Zmien tal-Milied**

2.1 Is-Sindku ta' spjegazzjoni tal-programm ta' Seher il-Punent fejn il-Gimgha ser isir il-parti ta' Betlehem f'Ghajnsielem u jinfetah il-Christmas Market filwaqt li s-Sibt ser jingabu Gospel Choirs u l-possibilita' li jkun hawn il-grupp Kantaliena. Is-Sindku spjega ukoll li l-Malta Book Records bghatu proposta aktar kmieni sabiex ikun jistghu itellghu attivita' wahda f'kull gurnata u ser jistiednu lil rebbieha ohra tal-Malta Book Records sabiex jippartecipaw. Il-Kunsill irid li jorganizza xi haga attrazzjoni ghall-gurnata tas-Sibt. F'kaz ta' maltemp il-Gospel Choirs ikunu jistghu dejjem jaghmlu l-kuncert gewwa l-Knisja. Shirley Anne Cecchini staqsiet jekk hux ser ikun hemm xi bands idoqqu fuq barra. Gie spjegat li dan jiddependi skond il-budget li jkun hemm disponibbli peress li l-Gospel Choir iridu mat-€800 'il wiehed kif ukoll transport mill-Imgarr sa l-Gharb u lura.

5.15pm Emanuel Muscat u Anthony Camilleri dahlu ghal-laqgha.

Min-naha l-ohra l-programm tal-Hadd ser jinkludi kant u zfin minn diversi gruppi madwar Malta u Ghawdex. Emanuel Muscat staqsa jekk il-Gimgha ser ikun hemm l-ikla bhas-soltu fejn gie spjegat li din is-sena mhux ser tigi organizzata din bhas-soltu. Fir-rigward tal-programm tas-Sibt is-Sindku rega' ta' spjegazzjoni ta' dak li kien intqal aktar kmieni. Carmen Vella staqsiet dwar jekk hux ser tigi organizzata l-parti tal-gbejna u tal-gallett il-Hadd filghodu. Gie spjegat li dan mhux vijabli li jerga' jsir ghar-raguni li l-gbejna mhux qeghda isservi minn sena ghal ohra.

Emanuel Muscat qal li l-ikla ta' Seher il-Punent kienet tkun ta' ghajnuna lill-Ghaqdiet sabiex permezz taghha ikunu qed jaghmlu ukoll fund raising b'risq l-Ghaqda taghhom. Giet spjegat li ghal din is-sena l-Ghaqdiet ser ikunu qed jigu involuti permezz ta' l-organizazzjoni ta' Christmas Market u Bazaar.

## 3.0 Inawgurazzjoni ta' Eco –Cab / Eco Truck

3.1 Is-Sindku spjega li l-Eco Cab u l-Eco-Truck kienu waslu Malta. Fil-prezent il-Kunsill gie infurmat li hemm kuntatti mall-Ministeru sabiex issir l-inawgurazzjoni taghhom. Dawn il-karozzi ser ikollhom ukoll stickers tal-Kunsill u ta' l-Eko Ghawdex. Shirley Anne Cecchini staqsiet jekk dawn il-karozzi humiex ser ikollhom *plates* specjali. Gie spjegat li sabiex taghmel *plates* personalizzati jigu jiswew hafna flus u ghalhekk ma kienx vijabli li jsiru hekk imma jintuzaw *plates* normali. Emanuel Muscat qal li c-*charging point* gewwa l-Gharb ser tigi installata fejn Ta' Dbiegi. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha tinxtara card sabiex ikun jista' jsir ic-*charging* tal-karozzi. Il-Kunsill ser ikellem lil Gabriella Cassola sabiex jara kif jista' jsir biex tinxtara din il-card.

## 4.0 Inawgurazzjoni – Faccata tal-Knisja

Is-Sindku spjega li skond il-previsjonijiet sa l-ahhar tal-Gimgha suppost li x-xoghol ikun finalizzata u l-iscaffolding tal-kampnar tal-Knisja ser jitnehha sa nhar it-Tnejn. Emanuel Muscat staqsa jekk iz-zebgha tal-Koppla kienetx lesta. Gie spjegat li dan kien lest u issa li ghad baqa' li jehel id-dawl.
Ghall-inawgurazzjoni s-Sindku isugerixxa bhala data tentattiva fit-18 ta' Ottubru fejn jistghu jigu mistiedna l-Membri Parlamentari Ghawdxin u tigi organizzata serata. Sa dakinhar iridu jitlestew il-bolavastri u jridu jinbidlu l-islabs. Shirley Anne Cecchini issugeriet li jekk hemm ritratti ta' qabel u waqt ix-xogholijiet jigu esebiti waqt is-serata. Saret diskussjoni fejn sar qbil li l-Perit Scerri ser jintalab jipprepara l-programm tax-xogholijiet u dan ikun jista' jigi diskuss waqt il-laqgha li jmiss u jigi deciz jekk ikunx hemm bzonn ta' xi bdil.

## 5.0 Xogholijiet u Progetti

5.1 Gie spjegat li l-Progett M323 qed jinghalaq u qed isiru d-dokumentazzjoni ta' l-gheluq tieghu. Issa ser jinbeda ukoll il-Progett that il-Mizura 125 li jinkludi fih ir-*resurfacing* ta' Wied ir-Raghab.

5.2 Is-Sindku spjega li minhabba l-*manholes* ta' Triq il-Knisja ser tintbghat ittra lill-Kuntrattur sabiex ix-xoghol li suppost ghamel huwa fuq il-*manholes* isir minn kuntrattur iehor u jitnqqas mill-kont tieghu peress li dan huwa impenjat u mhux ser ikun possibli li jaghmel ix-xoghol mehtieg. Il-Kunsill qabel li ghandu jiddiskuti din il-possibilita' mar-Road Construction Co. Ltd. u jekk dawn ikunu interessati li jaghmlu x-xoghol tintbghat l-ittra lil Gatt Tarmac Ltd.

5.3 Emanuel Muscat staqsa dwar il-co-financing ta' Wied ir-Raghab fejn is-Sindku spjega li dan jammonta ghal 38% li huwa maqsum 20% co-financing u 18% VAT. Gie spjegat ukoll li l-kuntrattur kien qabel li jnizzel l-ammont ta' l-offerta' biex ikunu *within budget*.

5.4 Fir-rigward tar-*resurfacing* bis-*syntethic turf* tal-ground tal-football il-Gozo Football Association kienet ghazlet zewg kuntratturi pero' ser thalli f'idejn il-clubs sabiex jiddeciedu liema kuntrattur ghandhom jaghzlu peress li l-prezzijiet huma hafna simili ta' xulxin. Ghalhekk il-club ser jaghzel dak li huma l-iktar konvenjenti. Gie spjegat ukoll li l-Gozo Football Association ghaddiet ukoll il-livelli tal-ground. Kif jidher il-

parti tal-ground in-naha ta' Dbiegi hemm dizlivell ta' 36" pero' din kienet diga mahsuba fl-offerta'. Il-livell tal-ground iridu jinbidlu u fuq dawn diga hemm il-Perit jahdem fuqhom.

5.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill gie moghti aktar fondi that il-Mizura 313 it-tieni sejha. Bhala Kunsill iridu nistghu naghmlu aktar xoghol professjonali pero' qabel irridu naraw x'budget ser ikunu qeghdin jawardjaw. Is-Sindku spjega li t-turf tal-pitch ser jigi jiswa madwar 120,000. Il-Kunsill irid jiddiskuti mal-kuntrattur fir-rigward tal-pagament peress li din ma kienetx xi haga inkluza fil-kuntratt tal-kuntrattur.

5.6 Emanuel Muscat staqsa fir-rigward tal-Progett M313 kien kien jiswa'. Is-Sindku spjega li dan kien jammonta ghal madwar €150,000.00 u li kien funded 100% jigifieri ma kienx hemm co-financing. Il-Progett ser jinkludi ukoll dwal. Sabiex isir ix-xoghol il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg offerta' li din tkun offerta' wahda li tinkludi x-xoghol li jaqa' that l-ewwel progett u that it-tieni progett dejjem jekk jinghata l-permess mehtieg minghand il-Managing Authority.

**6.0 Korrispondenza u materji ohra**

6.1 Il-Kunsilliera gew mitluba sabiex jippreparaw il-messagg taghhom ghal fuq Lehen il-Punent.

6.2 Il-Kunsill qabel ukoll li bhal ma jsir ta' kull sena ghandhu jsir il-Halloween Party ghat-tfal tal-lokalita'.

6.3 Carmen Vella issuggerit li ssir harga ghall-anzjani. Il-Kunsill qabel li ghandha isir wahda aktar 'il quddiem.

6.4 Is-Sindku spjega li fis-17 ta' Ottubru, 2014 ser ikun qed isir il-*shooting* tal-film li qed isir minn Angelina Jolie gewwa l-Gharb. Fil-proposta li qeghda issir qed isir suggeriment sabiex it-toroq jinghalqu bejn is-6AM u 8PM minn Triq il-Knisja mill-parti ta' fejn Triq il-Vizitazzjoni u tinghalaq ukoll Triq Frenc ta' l-Gharb. Triq Dun Alwig Mizzi ssir one way u parti minnha ssir no parking. Is-Sindku talab li ssir donazzjoni lill-Kunsill fejn huma offrew skond il-budget taghhom li jammonta ghal €800. Is-*shooting* tal-film fit-toroq ser ikun qed isir sa Nofsinhar u wara ser ikun qed isir gewwa c-Centru Parrokkjali. Il-hwienet li ser jigu affettwati ddiskutew direttament ma' tal-films u ghamlu arrangamenti bejniethom. Min-naha taghhom ser ikunu qed jibghatu ittra fid-djar fejn ser jinfurmaw bl-eghluq tat-toroq. L-involviment tal-Kunsill huwa biss sabiex jinhargu l-permessi.

6.5 Is-Sindku spjega li minhabba li matul is-sena kien sar bdil fil-Kunsilliera huwa ppropona l-karigi segwenti ghall-Kunsilliera:-

Sindku – David Apap Agius:- Council Finance / Works / Projects, European Union Relations, Projects, Sport, Tourism, Culture Heritage, Health, Publications u PRO.

Vici-Sindku – Carmen Vella:- Family Policy, Youth, Child caring, activities, Education, Substitute member local enforcement joint committee, Assisting Mayor in his duties, Substitute member street naming committee

Kunsillier Emanuel Muscat – Transport, Traffic management, Alternative energy projects, Climate Change Strategy projects

Kunsillier Shirley Anne Cecchini – Substitute Health and Safety Awareness, Caring, Activities, Ederly Caring, Activities.

Kunsillier Anthony Camilleri – Agriculture activity, Cleansing and Waste Management, Rural Development Improvements, Environment Awarness

Il-Kunsill qabel mall-karigi godda li gew imqassma.

6.6 Is-Sindku spjega li mill-ewwel ta' Ottubru kienet ser tidhol fis-sehh l-iskeda tal-gbir ta' skart tax-xitwa. Huwa kompla jispjega li kienet qeghda issir proposta li ghadha trid tigi diskussa mall-Kunsill ta' l-Ghasri u dak ta' San Lawrenz fejn isir gbir ta' ikel ghalih. Saret diskussjoni dwar kif jista' jsir il-gbir. Emanuel Muscat issugerixxa li minhabba spejjez jistax isir gbir ta' skart permezz ta' l-Eco Truck pero' s-Sindku qal li dan ma jkunx possibli.

6.7 Emanuel Muscat qal li huwa ma jaqbilx ma' l-iskeda ghax qed ikun hemm tul ta' zmien meta' ma jkunx hemm gbir. Is-Sindku spjega li din l-iskeda ser tigi introdotta madwar Malta u Ghawdex u b'dan il-mod tkun qed tghin teduka lin-nies jiddraw aktar is-sistema. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill ser jara jistax jsir skip on wheels li jkun fl-area fejn il-Kunsill minhabba gbir ta' nappies ghal min ghandu tfal zghar jew anzjani fis-sodda li jkun offrut f'gurnata partikolari bhal ma hija l-Erbgha u f'din partikolari.

6.8 Il-Vici Sindku Carmen Vella semmiet il-problema li qed joqghod xi hammiem fil-bidu ta' Triq il-Knisja u li qed ihammeg hafna t-triq. Emanuel Muscat qal li jekk issir talba lill-Enemalta ikunu jistghu jidhlu jaghmlu cable ties biex dan ma joqghodx hemm.

6.9 Minghand il-Mepa fir-rigward ta' applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA2792/14.

6.10 Minghand il-Gozo Greyhounds Sports Club fejn il-Kunsill intalab jghin fl-organizazzjoni ta' l-attivita' ser li tinholoq permess ta' permessi, wardens/pulizija u ambulanza. Il-Kunsill qabel li jinhargu l-permessi mehtiega u jghin kif ikun jista'.

6.11 Minghand l-Agenzija ghall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fejn il-Kunsill gie infurmat li l-Progett that il-Mizura 323 kien jaghlaq fil-15 ta' Settembru, 2014.

6.12 Minghand il-Gozo Action Group fejn il-Kunsill gie infurmat li l-Progett sottomess ghall-festival tal-Watermelon ma kienx gie milqugh.

**7.0 Aggornament**

7.1 Il-Kunsill qabel li minhabba l-inawgurazzjoni tal-faccata tal-Knisja l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 16 ta' Ottubru, 2014 fil-5pm.

8.2 Il-laqgha spiccat hin 6.15pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Segretarju Ezekuttiv